

Brussell, 13 ta' Ġunju 2022
(OR. fr, en)

9759/22

ECOFIN 548
UEM 152
SOC 343
EMPL 225
COMPET 446
ENV 544
EDUC 216
RECH 339
ENER 255
JAI 809
GENDER 88
ANTIDISCRIM 68
JEUN 99
SAN 344

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9411/22 - COM(2022) 616 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 tal-Italja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tal-Italja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2022) 616 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 tal-Italja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tal-Italja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tipprovdi sostenn finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment, li jinvolvi impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. Din tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment sostenibbli u li jsaħħu t-tkabbir, b'mod partikolari għall-promozzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li tissaħħaħ ir-reżiljenza u t-tkabbir potenzjali tal-ekonomiji tal-Istati Membri. Tgħin ukoll biex jissaħħu l-finanzi pubbliċi sostenibbli u tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq perjodu medju u twil. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ser tiġi aġġornata f'Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (2) Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2022 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Dan ikkunsidra kif dovut l-Impenn Soċjali ta' Porto iffirmit fis-7 ta' Mejju 2021 biex ikompli jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022 fil-25 ta' Marzu 2022. Fl-24 ta' Novembru 2021, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Italja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha tkun meħtieġa titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2022, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ ("Rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro 2022") fil-5 ta' April 2022 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fl-14 ta' Marzu 2022.

³ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 153, 7.4.2022, p. 1).

- (3) L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, wara l-pandemija globali, biddlet b'mod sinifikanti l-kuntest ġeopolitiku u ekonomiku. L-impatt tal-invażjoni fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri nħass permezz ta', fost l-oħrajn, prezzijiet oġhla tal-enerġija, l-ikel u l-materja prima, u prospetti ta' tkabbir aktar dgħajfa. Il-prezzijiet oġhla tal-enerġija huma partikolarment ta' piż kbir fuq l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli li qed jesperjenzaw jew jinsabu f'riskju ta' faqar enerġetiku kif ukoll fuq il-kumpaniji l-aktar vulnerabbli għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. L-Unjoni qed tesperjenza wkoll influż bla preċedent ta' nies li qed jaħrabu mill-Ukrajna. L-effetti ekonomiċi li rriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kellhom impatt asimmetriku fuq l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, fl-4 ta' Marzu 2022, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE⁵ ġiet attivata għall-ewwel darba permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382⁶, u tat lill-persuni spostati mill-Ukrajna d-dritt li jibqgħu legalment fl-Unjoni, kif ukoll aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, is-suq tax-xogħol, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-assistenza soċjali.
- (4) B'kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika u ġeopolitika li qed tinbidel malajr, is-Semestru Ewropew jerġa' jibda l-koordinazzjoni wiesgħa tiegħu tal-politika ekonomika u tal-impjiegi fl-2022, filwaqt li jevolvi f'konformità mar-rekwiżiti ta' implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif deskritt fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza adottati hija essenzjali għat-twertiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2019 u l-2020. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 u tal-2020 jibqgħu ugwalment rilevanti wkoll għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni oħra speċifika għall-pajjiż maħruġa sad-data tal-preżentazzjoni ta' tali pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati.

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).

- (5) Il-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ilha attiva minn Marzu 2020. Fil-komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Marzu 2021 intitolata "Sena mit-tifqigħa tal-COVID-19: rispons tal-politika fiskali", il-Kummissjoni spjegat il-fehma tagħha li d-deċiżjoni dwar id-diżattivazzjoni jew il-kontinwazzjoni tal-applikazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali jenħtieġ li tittieħed fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-istat tal-ekonomija, bil-livell ta' attività ekonomika fl-Unjoni jew fiż-żona tal-euro meta mqabbel mal-livelli ta' qabel il-kriżi (tmien l-2019) bħala l-kriterju kwantitattiv ewlieni. Inċertezza akbar u riskji negattivi qawwija għall-perspettiva ekonomika fil-kuntest tal-gwerra fl-Ewropa, żidiet bla preċedent fil-prezzijiet tal-enerġija u disturbi kontinwi fil-katina tal-provvista jiġġustifikaw l-estensjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir sal-2023.
- (6) Skont l-approċċ fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021⁷ li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 tal-Italja, il-pożizzjoni fiskali ġenerali attwalment titkejjel l-aħjar bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji bl-esklużjoni ta' miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19) iżda bl-inklużjoni tan-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju⁸. Lil hinn mill-pożizzjoni fiskali ġenerali, sabiex jiġi vvalutat jekk il-politika fiskali nazzjonali hijiex prudenti u jekk il-kompożizzjoni tagħha twassalx għal irkupru sostenibbli konsistenti mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, tingħata wkoll attenzjoni lill-evoluzzjoni tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment⁹ (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19) u l-investment.

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 tal-Italja (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 53).

⁸ L-istimi dwar il-pożizzjoni fiskali u l-komponenti tagħha f'din ir-Rakkomandazzjoni huma stimi tal-Kummissjoni bbażati fuq is-suppożizzjonijiet sottostanti għat-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni. L-istimi tal-Kummissjoni ta' tkabbir potenzjali fuq terminu medju ma jinkludux l-impatt pożittiv tar-riformi li huma parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali.

⁹ Mhux iffinanzjati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew fondi oħra tal-Unjoni.

- (7) Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida wiesgħa għall-politika fiskali fl-2023 ("il-gwida fiskali") li għandha l-għan li tappoġġa t-tħejjija tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni ta' politika. Il-Kummissjoni nnotat li, abbażi tal-prospettiva makroekonomika tat-tbassir tax-xitwa 2022, it-tranżizzjoni minn pożizzjoni fiskali aggregata ta' appoġġ fl-2020–2022 għal pożizzjoni fiskali aggregata ġeneralment newtrali, filwaqt li tinsab lesta li tirreaġixxi għas-sitwazzjoni ekonomika li qed tevolvi, tidher xierqa fl-2023. Il-Kummissjoni ħabbret li r-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 jenħtieġ li jkomplu jiddifferenzjaw bejn l-Istati Membri u jqisu l-effetti konsegwenzjali possibbli bejn il-pajjiżi. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jaraw li din il-gwida tkun riflessa fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi u taġġusta l-gwida politika tagħha kif meħtieġ u mhux aktar tard mill-pakkett tagħha tar-rebbiegħa tas-Semestru Ewropew tal-aħħar ta' Mejju 2022.
- (8) Fir-rigward tal-gwida fiskali, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 iqisu l-perspettiva ekonomika li marret għall-aġġar, l-inċertezza akbar u aktar riskji negattivi, u l-inflazzjoni oġġla meta mqabbla mat-tbassir tax-xitwa 2022 tal-Kummissjoni. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-rispons fiskali għandu jespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija, u jsostni l-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli sabiex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezz tal-enerġija u jgħin biex jiġu limitati l-perssonijiet inflazzjonarji mill-effetti sekondarji permezz ta' miżuri mmirati u temporanji. Il-politika fiskali għandha tibqa' aġli sabiex taġġusta għaċ-ċirkostanzi li qed jevolvu b'mod rapidu, inkluż l-isfidi li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fir-rigward tad-difiża u s-sigurtà, u għandha tiddistingwi bejn l-Istati Membri skont is-sitwazzjoni fiskali u ekonomika tagħhom, inkluż fir-rigward tal-esponiment tagħhom għall-kriżi u l-influss ta' persuni spostati mill-Ukrajna.

- (9) Fit-30 ta' April 2021, l-Italja ppreżentat il-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja¹⁰. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li l-Italja tkun laqgħet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-tweġġiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treġġgħet lura.
- (10) L-Italja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2022 fis-27 ta' April 2022 u il-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2022 fis-27 ta' April 2022, f'konformità mal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 jirrifletti wkoll ir-rappurtar bianwali tal-Italja dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.
- (11) Il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2022 għall-Italja fit-23 ta' Mejju 2022. Dan ivvaluta l-progress tal-Italja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill fl-2019, l-2020 u l-2021, u ħa kont tal-implimentazzjoni mill-Italja tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, li jibni fuq it-tabella ta' valutazzjoni għall-irkupru u r-reżiljenza. Fuq il-bażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti, inkluż dawk li jirriżultaw mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Huwa vvaluta wkoll il-progress tal-Italja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

¹⁰ ST 10160/21; ST 10160/21 ADD 1 REV 2.

- (12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għall-Italja u ppubblikat ir-riżultati tagħha fit-23 ta' Mejju 2022. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Italja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, l-Italja tkompli tiffaċċa vulnerabbiltajiet relatati ma' dejn għoli tal-gvern u tkabbir dgħajfef fil-produttività, f'kuntest ta' fraġilitajiet tas-suq tax-xogħol u xi dgħufijiet fis-settur finanzjarju.
- (13) Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Dan ir-rapport iddiskuta s-sitwazzjoni baġitarja tal-Italja, billi d-defiċit tal-gvern estiż tagħha fl-2021 qabeż il-valur referenzjarju skont it-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG), filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż tagħha qabeż il-valur referenzjarju skont it-Trattat ta' 60 % tal-PDG u ma rrispettax il-valur referenzjali tat-tnaqqis tad-dejn. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterji tad-defiċit u tad-dejn ma ġewx issodisfati. Skont il-komunikazzjoni tat-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni kkunsidrat, fil-valutazzjoni tagħha tal-fatturi rilevanti kollha, li l-konformità mal-valur referenzjali tat-tnaqqis tad-dejn tinvolvi sforz fiskali eċċessiv ikkonċentrat fil-bidu li jkun wisq impenjattiv u li jista' jipperikola t-tkabbir. Għaldaqstant, fil-fehma tal-Kummissjoni, il-konformità mal-valur referenzjali tat-tnaqqis tad-dejn mhijiex iġġustifikata taħt il-kondizzjonijiet ekonomiċi eċċezzjonali attwali. Kif imħabbar, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa tal-2022 u ser tivvaluta mill-ġdid jekk ikunx neċessarju li jiġi propost il-ftuħ ta' tali proċeduri fil-ħarifa tal-2022.

(14) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-20 ta' Lulju 2020¹¹, il-Kunsill irrakkomanda lill-Italja biex fl-2020 u fl-2021 tiegħu l-miżuri kollha neċessarji, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali, biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija tal-COVID-19, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru li jirriżulta. Lill-Italja rrakkomandalha wkoll biex, meta l-kondizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politiki fiskali li jkollhom l-għan li jiksbu pożizzjonijiet fiskali prudenti fit-terminu medju u li jiggwarantixxi s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li jsaħħu l-investiment. Fl-2021, skont data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Italja naqas minn 9,6 % tal-PDG fl-2020 għal 7,2 %. Ir-rispons tal-politika fiskali mill-Italja appoġġa l-irkupru ekonomiku fl-2021, b'miżuri temporanji ta' emerġenza li jammontaw għal 3,5 % tal-PDG, (tnaqqis minn 4,4 % tal-PDG fl-2020). Il-miżuri li ħadet l-Italja fl-2021 kienu konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020. Il-miżuri baġitarji diskrezzjonali adottati mill-gvern fl-2020 u fl-2021 kienu fil-biċċa l-kbira temporanji jew ibbilanċjati minn miżuri ta' tpaċija. Fl-istess ħin, uħud mill-miżuri diskrezzjonali adottati mill-gvern matul il-perjodu 2020-2021 ma kinux temporanji jew akkumpanjati minn miżuri kumpensatorji, filwaqt li kienu jikkonsistu prinċipalment fi tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali f'reġjuni ifqar, estensjoni tal-kreditu tat-taxxa fuq l-introjtu mill-impjeg u l-introduzzjoni ta' allowance tal-familja. Skont data vvalidata mill-Eurostat, id-dejn tal-gvern estiż naqas minn 155,3 % tal-PDG fl-2020 għal 150,8 % tal-PDG fl-2021.

¹¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tal-Italja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 tal-Italja (ĠU C 282, 26.8.2020, p. 74).

(15) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfied il-proġettazzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 huwa favorevoli fl-2022 u realistiku minn hemm 'il quddiem. Il-Gvern jipproġetta li l-PDG reali jikber bi 3,1 % fl-2022 u bi 2,4 % fl-2023. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta tkabbir tal-PDG reali aktar baxx ta' 2,4 % fl-2022 u 1,9 % fl-2023, prinċipalment minħabba proġettazzjonijiet aktar prudenti għad-domanda domestika. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2022, il-gvern jistenna li d-defiċit nominali ser jonqos għal 5,6 % tal-PDG fl-2022, u għal 3,9 % fl-2023¹². It-tnaqqis fl-2022 jirrifletti prinċipalment it-tkabbir fl-attività ekonomika u t-tneħħija tal-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' emerġenza. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2022, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG huwa mistenni li jilħaq il-livell massimu ta' 147,0 % fl-2022 u li jonqos għal 145,2 % fl-2023. Fuq il-bażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta defiċit tal-gvern għall-2022 u l-2023 ta' 5,5 % tal-PDG u 4,3 % rispettivament. Meta mqabbel mal-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, id-defiċit ipproġettat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni huwa kważi l-istess fl-2022 iżda oġhla fl-2023, prinċipalment minħabba tkabbir ekonomiku aktar baxx. Fl-istess ħin, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni ma jinkludix il-miżuri ta' appoġġ addizzjonali għall-2022 imħabbra fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, billi d-dettalji ma kinux disponibbli qabel id-data limitu. It-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta proporzjon oġhla ta' dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 147,9 % fl-2022 u 146,8 % fl-2023. Id-differenza hija dovuta għad-defiċit oġhla u t-tkabbir ekonomiku aktar baxx. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali fuq perjodu medju (medja ta' 10 snin) fil-prodott hija stmata fil-livell ta' 0,4 %. Madankollu, dik l-istima ma tinkludix l-impatt tar-riformi li huma parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali tal-Italja.

¹² L-istimi ppreżentati f'din il-premessa huma bbażati fuq il-proġettazzjonijiet baġitarji dettaljati mibgħuta mill-Italja mal-Programm ta' Stabbiltà tal-2022. Ħlief għaċ-ċifri globali għad-defiċit u d-dejn tal-gvern, il-proġettazzjonijiet trażmessi mill-Italja ma jqisux il-pakkett fiskali mħabbar għal Mejju 2022. Dan il-pakkett, adottat fit-2 ta' Mejju 2022, inkluda miżuri ta' appoġġ addizzjonali fl-2022 kif ukoll aktar riżorsi għal proġetti ta' investiment ifffinanzjati nazzjonalment kemm fl-2022 u kemm fis-snin li ġejjin.

- (16) Fl-2022, il-gvern neħħa gradwalment il-maġġoranza tal-miżuri meħuda b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19, b'tali mod li l-miżuri temporanji ta' emerġenza huma pproġettati li jonqsu minn 3,5 % tal-PDG fl-2021 għal 1,1 % fl-2022. Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat mill-miżuri adottati biex jikkumbattu l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni huma stmati għal 0,5 % tal-PDG fl-2022 u jitneħħew gradwalment fl-2023¹³. Dawk il-miżuri jikkonsistu prinċipalment fi trasferimenti soċjali lejn unitajiet domestiċi ifqar, tnaqqis fit-taxxi indiretti fuq il-konsum tal-enerġija u sussidji lill-kumpaniji tal-enerġija. Dawk il-miżuri tħabbu bħala temporanji. Madankollu, f'każ li l-prezzijiet tal-enerġija jibqgħu għoljin fl-2023, xi wħud minn dawk il-miżuri jistgħu jtkomplew. Xi wħud minn dawk il-miżuri mhumiex immirati, b'mod partikolari t-tnaqqis ġenerali fit-taxxi indiretti fuq il-konsum tal-enerġija (VAT u imposti fissi). Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat ukoll mill-ispiża biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna, li fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni hija pproġettata li tkun 0,1 % tal-PDG fl-2022 u fl-2023¹⁴.
- (17) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li jenħtieġ li fl-2022 l-Italja tuża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru filwaqt li ssegwi politika fiskali prudenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll lill-Italja biex tillimita t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fuq livell nazzjonali. Lill-Italja rrakkomandalha wkoll biex, meta l-kondizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politiki fiskali li jkollhom l-għan li jiksbu pożizzjonijiet fiskali prudenti fit-terminu medju u li tiggarrantixxi s-sostenibbiltà tad-dejn, u fl-istess ħin, issaħħaħ l-investment biex tagħti spinta lill-potenzjal tat-tkabbir.

¹³ Iċ-ċifri jirrappreżentaw il-livell tal-ispejjeż baġitarji annwali ta' dawk il-miżuri meħuda mill-ħarifa tal-2021, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll – fejn rilevanti – il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹⁴ Huwa maħsub li l-għadd totali ta' persuni spostati mill-Ukrajna lejn l-Unjoni ser jilħaq gradwalment is-6 miljun sa tmiem l-2022, u d-distribuzzjoni ġeografika tagħhom hija stmata fuq il-bażi tad-daqs tad-dijaspora eżistenti, il-popolazzjoni relattiva tal-Istat Membru riċevanti, u d-distribuzzjoni reali ta' persuni spostati mill-Ukrajna madwar l-Unjoni f'Marzu 2022. Għall-ispejjeż baġitarji għal kull persuna, l-istimi huma bbażati fuq il-mudell ta' mikrosimulazzjoni tal-Euromod taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu kemm it-trasferimenti ta' flus kontanti li n-nies jistgħu jkunu eliġibbli għalihom kif ukoll il-benefiċċji in natura bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.

(18) Fl-2022, skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tal-Italja, il-pożizzjoni fiskali hija pproġettata li tkun ta' appoġġ flivell ta' - 2,7 % tal-PDG¹⁵. L-Italja qed tippjana li ttipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali kif rakkomandat mill-Kunsill. Il-kontribuzzjoni pożittiva lejn l-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pproġettata li tiżdied b'0,9 tal-PDG, imqabbel mal-2021. L-investment iffinanzjat flivell nazzjonali huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0,3 punt perċentwali tal-PDG fl-2022¹⁶. Għalhekk, l-Italja qed tippjana li tippreserva l-investment iffinanzjat nazzjonalment, kif irrakkomandat mill-Kunsill. It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2022, huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansiva ta' 1,3 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Din il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0,2 % tal-PDG)¹⁷ kif ukoll l-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0,1 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti jirrifletti wkoll nefqa oġhla fuq il-kumpens tal-impjegati fis-settur tal-gvern, minħabba t-tiġdid tal-kuntratti pubbliċi għall-perjodu 2019-2021, li parti sostanzjali minnha (li tammonta għal ¼ % tal-PDG) ser tiġi rreġistrata fl-2022, filwaqt li riżorsi addizzjonali huma bbaġitjati wkoll għas-settur tal-kura tas-saħħa (0,1 % tal-PDG). Min-naħa tad-dħul, it-tnaqqis tat-taxxi fuq l-introjtu personali u t-taxxa reġjonali fuq l-attivitàjiet produttivi (0,4 % tal-PDG) huma wkoll ipproġettati li jikkontribwixxu għall-pożizzjoni fiskali espansiva. Għalhekk, fuq il-bażi tal-istimi attwali tal-Kummissjoni, l-Italja ma tillimitax biżżejjed it-tkabbir tan-nefqa kurrenti netta ffinanzjata nazzjonalment fl-2022.

¹⁵ Sinjal negattiv tal-indikatur jikkorrispondi għal eċċess tat-tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fit-terminu medju, li jindika politika fiskali espansjonarja.

¹⁶ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fuq livell nazzjonali hija pproġettata li ttipprovdi kontribuzzjoni espansiva ta' 0,3 punt perċentwali tal-PDG. Dan huwa spjegat minn għotjiet ta' investiment mill-Gvern, iffinanzjati wkoll minn self taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif ukoll dispożizzjonijiet addizzjonali għal garanziji tal-Gvern lill-SMEs.

¹⁷ Fl-2021, fl-Italja kienu diġà fis-seħħ miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li jammontaw għal 0,3 % tal-PDG. Dawn il-miżuri kienu jikkonsistu prinċipalment fi tnaqqis ta' imposti fissi u rati tal-VAT fuq il-kontijiet tal-elettriku u tal-gass naturali u f'żieda tal-bonus soċjali għall-kontijiet tal-elettriku u tal-gass naturali.

- (19) FI-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pproġettata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni li tkun fil-livell ta' -1,2 % tal-PDG fuq suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika¹⁸. L-Italja hija pproġettata li tkompli tuża għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2023 biex tiffinanzja investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru. Il-kontribuzzjoni pożittiva lejn l-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pproġettata li tiżdied b'0,7 punt perċentwali tal-PDG, imqabbel mal-2022. L-investiment iffinanzjat fl-livell nazzjonali huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0,2 punt perċentwali tal-PDG fl-2023¹⁹. FI-istess waqt, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2023 huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni ġeneralment newtrali ta' -0,2 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Dan jinkludi l-impatt mit-tneħħija gradwali tal-miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0,5 % tal-PDG). FI-istess ħin, żieda fit-trasferimenti soċjali (0,4 % tal-PDG), minħabba l-indiċjar tagħhom mar-rata tal-inflazzjoni tas-sena ta' qabel, u riżorsi addizzjonali bbaġitjati għas-settur tal-kura tas-saħħa (0,1 % tal-PDG), li mhumiex akkumpanjati minn miżuri kumpensatorji, huma wkoll ipproġettati li jikkontribwixxu għat-tkabbir fin-nefqa kurrenti netta. Għalhekk, il-kontribuzzjoni ġeneralment newtrali tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali tiddependi fuq it-tneħħija gradwali tal-miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija kif ippjanat attwalment.
- (20) Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos gradwalment għal 3,3 % tal-PDG fl-2024 u għal 2,8 % sal-2025. Għalhekk, id-defiċit tal-gvern estiż huwa ppjanat li jinżel taħt it-3 % tal-PDG sal-2025. Dawn il-proġettazzjonijiet jassumu tnaqqis fin-nefqa totali b'madwar 3 punti perċentwali tal-PDG u tnaqqis fid-dħul totali b'madwar 2 punti perċentwali tal-PDG bejn l-2023 u l-2025. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG huwa mistenni li jonqos sal-2025, b'mod speċifiku billi jinżel għal 143,4 % fl-2024 u għal 141,4 % fl-2025. Skont l-analiżi tal-Kummissjoni, jidher li hemm riskju għoli fuq perjodu medju ta' żmien fejn tidħol is-sostenibbiltà tad-dejn.

¹⁸ Sinjal negattiv tal-indikatur jikkorrispondi għal eċċess tat-tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fit-terminu medju, li jindika politika fiskali espansjonarja.

¹⁹ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pproġettata li tipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0,0 punt perċentwali tal-PDG.

(21) F'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati bi skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni li għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026. Dawn jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Italja mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u l-2020, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż maħruġa sad-data tal-adozzjoni ta' pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. B'mod partikolari, l-implimentazzjoni effettiva u rapida tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għandha l-potenzjal li tgħid bidliet strutturali dejjiema u għalhekk għandha impatt dejjiemi fuq l-ekonomija u s-soċjetà Taljana. Firxa wiesgħa ta' riformi f'oqsma ta' politika ewlenin huma mistennija jindirizzaw l-ostakli li ilhom jeżistu għat-tkabbir ekonomiku. B'mod partikolari, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih riformi mmirati lejn it-trawwim ta' bidliet strutturali fil-funzjonament tal-gvern estiż u tas-sistema ġudizzjarja u lejn it-titjib tal-ambjent ġenerali tan-negozju. Ir-riformi u l-investimenti pjanati fis-setturi tal-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet u r-riċerka għandhom il-potenzjal li jsaħħu l-kapital uman u l-kapaċitajiet ta' riċerka fit-tul. Ir-riformi u l-investimenti previsti fis-suq tax-xogħol biex jittejjbu l-prospetti tal-impjegi, b'mod partikolari taż-żgħażaġh u n-nisa, għandhom il-potenzjal li jżidu l-provvista tax-xogħol, jipprovdu aċċess ugwali għall-ħiliet, u fl-aħħar mill-aħħar jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku. Ir-riformi f'setturi bħat-trasport u l-ġestjoni tal-ilma huma mistennija li jtejjbu strutturalment l-effiċjenza ekonomika, fost l-oħrajn, permezz ta' użu aktar sistematiku ta' proċeduri kompetittivi biex jiġu assenjati l-kuntratti tas-servizzi.

- (22) L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Italja hija mistennija li tikkontribwixxi biex isir aktar progress fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi fl-Italja jammontaw għal 37,5 % tal-allokkazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li l-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal 25 % tal-allokkazzjoni totali tal-pjan. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri rilevanti, ser tgħin lill-Italja tirkupra malajr mill-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, filwaqt li ssaħħaħ ir-reżiljenza tagħha. L-involviment sistematiku tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn mill-pjan, biex tiġi żgurata sjiċda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.
- (23) Fis-17 ta' Jannar 2022, l-Italja ppreżentat id-dokumenti ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni għall-Ftehim ta' Sħubija, previst fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰, u ppreżentat l-ewwel programmi tal-politika ta' koeżjoni, previsti f'dak ir-Regolament, lill-Kummissjoni Ewropea. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060, l-Italja għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti fl-ipprogrammar tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021–2027. Dan huwa prerekwiżit għat-titjib tal-effettività u l-massimizzazzjoni tal-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiġu promossi l-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-koerenza bejn dawn il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u strumenti u fondi oħra tal-Unjoni. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni tiddependi wkoll mit-tneħħija ta' ostakli għall-investment biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-iżvilupp territorjali bbilanċjat.

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

- (24) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, l-Italja tiffaċċa għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mas-sistema ta' tassazzjoni. Il-politiki li jżidu l-effiċjenza tas-sistema fiskali jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi. Fuq medda medja u twila ta' żmien, sistema tat-taxxa aktar favorevoli għat-tkabbir u effiċjenti tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dejn għoli tal-gvern, tgħin it-tkabbir tal-produttività, u tappoġġa l-ħolqien tal-impjiegi, b'mod partikolari għan-nisa.
- (25) Il-piż tat-taxxa tal-Italja fuq ix-xogħol huwa għoli u l-profil tar-rati tat-taxxa marġinali effettivi fuq l-introjtu personali huwa kkaratterizzat minn diskontinwità qawwija. Fi tmiem l-2021, l-Italja ħadet passi biex tindirizza dawn l-isfidi, b'mod partikolari billi introduċiet allowance universali għat-tfal u naqqset it-taxxi fuq l-introjtu personali. Dawn il-miżuri huma mistennija li jżidu b'mod moderat il-provvista tax-xogħol, speċjalment għan-nisa. Il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol għadu għoli ħafna fil-livelli kollha tal-introjtu meta mqabbel ma' Stati Membri oħra. Fl-istess ħin, sorsi oħra ta' dħul, li huma inqas detrimental għat-tkabbir, mhumiex qed jintużaw biżżejjed, u dan iħalli lok biex ikompli jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol b'mod newtrali għall-baġit. Il-valuri katastrofali, li jservu bħala l-bażi għall-kalkolu tat-taxxa fuq il-proprjetà, huma fil-biċċa l-kbira skaduti. L-għadd u l-ambitu tan-nefquet tat-taxxa, inkluż għall-VAT, huma għoljin, u jenħtieġ li tittieħed azzjoni biex dawn jiġu ssimplifikati. Fl-aħħar nett, minkejja d-dħul relattivament għoli mit-taxxi fuq l-enerġija fl-Italja, id-disinn tagħhom ma jippromwovix biżżejjed it-tranżizzjoni lejn teknoloġiji aktar nodfa, anke minħabba l-użu estensiv ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent. Dawn id-diversi dimensjonijiet huma koperti mil-liġi abilitanti għar-riforma tat-taxxa, ippreżentata mill-gvern fi tmiem l-2021, li, wara l-adozzjoni, tkun teħtieġ li tiġi implimentata permezz ta' digrieti leġiżlattivi.
- (26) Bi tweġiba għall-mandat tal-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Unjoni, stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles, il-proposta tal-Kummissjoni għal pjan REPowerEU għandu l-għan li jelimina gradwalment id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mir-Russja malajr kemm jista' jkun. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni biħsiebha tidentifika l-aktar proġetti, investimenti u riformi xierqa fil-livell nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni fi djalogu mal-Istati Membri. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u jmexxu l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili 'l bogħod mir-Russja.

(27) L-Italja tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija mir-Russja, b'mod partikolari l-gass, bi 43 % tal-gass tagħha importat mir-Russja (ftit inqas mill-medja tal-Unjoni ta' 44 %) u 42 % tal-gass fit-taħlita tal-enerġija tagħha. Id-dipendenza fuq iż-żejt mhux raffinat mir-Russja hija aktar baxxa, bi 11 %, li hija inqas mill-medja tal-Unjoni ta' 26 % (iż-żejt jirrappreżenta 32 % tat-taħlita tal-enerġija tal-Italja)²¹. Minkejja li l-Italja ma tħabbatx wiċċha ma' problemi sinifikanti fis-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali fuq perjodu ta' żmien qasir minħabba l-kapaċità ta' ħżin sinifikanti tagħha u l-konnessjonijiet tal-pipeline mal-Afrika ta' Fuq u l-Ażerbajġan, l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja tista' toħloq sfidi fuq perjodu medju u twil ta' żmien. L-Italja tista' taġixxi biex tegħleb il-konġestjonijiet biex iżżid il-kapaċità tat-trażmissjoni tal-enerġija kemm fil-pajjiż kif ukoll mal-pajjiżi ġirien. Huwa rrakkomandat li investimenti ġodda fl-infrastruttura u fin-networks relatati mal-gass ikunu validi għall-futur jekk ikun possibbli, sabiex tiġi ffaċilitata s-sostenibbiltà fit-tul tagħhom permezz ta' adattament futur għal fjuwils sostenibbli. L-Italja bħalissa qed tiddiversifika t-taħlita tal-enerġija tagħha billi żżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari l-enerġija mix-xemx u mir-riħ, l-idroġenu u l-bijometan sostenibbli. Madankollu, anki fid-dawl tal-isfidi potenzjali li jirriżultaw mis-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, hemm lok biex titħaffef u tiżdied l-introduzzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli stabbiliti fil-Pjan Nazżjonali għall-Klima u l-Enerġija. L-Italja tista' tkompli tiegħu miżuri biex tiffaċilita l-awtorizzazzjoni ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, l-oġġettivi tal-Italja f'termini ta' effiċjenza enerġetika jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw dawn l-isfidi u lanqas biex jilħqu l-ambizzjonijiet tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %". L-istrateġija tal-effiċjenza enerġetika għas-settur tal-bini tiddependi l-aktar fuq miżuri temporanji u jenħtieġ li tiġi kkomplementata minn strateġija fuq terminu medju u twil, inklużi miżuri aktar b'saħħithom għall-effiċjenza enerġetika fin-negozji, b'mod partikolari fl-industrija. Barra minn hekk, hemm bżonn li titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, inkluż billi titħaffef l-introduzzjoni tal-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, u billi jiġu avanzati l-proġetti ewlenin tal-ferroviji, taċ-ċikliżmu u tat-trasport pubbliku. Hemm bżonn ta' aktar ambizzjoni fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u fiż-żieda tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika sabiex l-Italja tkun konformi mal-oġġettivi "Lesti għall-mira ta' 55 %".

²¹ Eurostat (2020), is-sehem tal-importazzjonijiet Russi fuq l-importazzjonijiet totali ta' gass naturali u żejt mhux raffinat. Għall-medja tal-UE-27, l-importazzjonijiet totali huma bbażati fuq importazzjonijiet barra l-UE-27. Għall-Italja, l-importazzjonijiet totali jinkludu l-kummerċ intra-UE. Iż-żejt mhux raffinat ma jinkludix prodotti taż-żejt raffinat.

- (28) Filwaqt li l-aċċellerazzjoni lejn in-newtralità klimatika u lil hinn mill-fjuwils fossili ser toħloq spejjeż sinifikanti ta' ristrutturar f'diversi setturi, l-Italja tista' tagħmel użu mill-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni biex ittaffi l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni fir-reġjuni l-aktar milquta. Barra minn hekk, l-Italja tista' tagħmel użu mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²², biex ittejjeb l-opportunitajiet ta' impjeg u ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali.
- (29) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 u l-opinjoni tiegħu²³ hija riflessa fir-Rakkomandazzjoni (1).
- (30) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-2022 dwar iż-żona tal-euro. Għall-Italja, dan huwa rifless b'mod partikolari fir-Rakkomandazzjonijiet (1) u (2).
- (31) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni tagħha, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2022. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet (1) u (2). Ir-Rakkomandazzjonijiet (1) u (2) jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-2022 għaż-żona tal-euro, b'mod partikolari l-ewwel, it-tieni u r-raba' rakkomandazzjoni. Il-politiki fiskali msemmija fir-Rakkomandazzjoni (1) jgħinu biex jiġu indirizzati, fost l-oħrajn, l-iżbilanċi marbuta mad-dejn għoli tal-gvern. Il-politiki msemmija fir-Rakkomandazzjoni (2) jgħinu biex jiġu indirizzati, fost l-oħrajn, l-iżbilanċi relatati mad-dejn għoli tal-gvern u d-dinamika dgħajfa fit-tul tal-produttività, f'kuntest ta' fraġilitajiet tas-suq tax-xogħol u xi dgħufijiet fis-settur finanzjarju,

²² Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

²³ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Italja tieġu azzjoni fl-2022 u fl-2023 biex:

1. Fl-2023, tiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi tqiegħed limitu fuq it-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment li jkun f'livell taħt it-tkabbir potenzjali tal-output fuq terminu medju, filwaqt li tqis l-appoġġ temporanju u mmirat kontinwu għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li jaħarbu mill-Ukrajna. Tkun lesta li taġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Tespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija billi tqis l-inizjattiva RePowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni. Għall-perjodu ta' wara l-2023, issegwi politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u tiżgura tnaqqis kredibbli u gradwali tad-dejn u sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju permezz ta' konsolidazzjoni gradwali, investment u riformi. Sabiex tkompli tnaqqas it-taxxi fuq ix-xogħol u tiżdied l-effiċjenza tas-sistema, tiġi adottata u implimentata b'mod xieraq il-liġi abilitanti dwar ir-riforma tat-taxxa, b'mod partikolari billi tirrevedi r-rati tat-taxxa marġinali effettivi, tallinja l-valuri katastali mal-valuri attwali tas-suq, tissimplifika u tnaqqas l-infiq tat-taxxa, anke għall-VAT, u s-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent filwaqt li tiżgura l-ġustizzja, u billi tnaqqas il-kumplessità tal-kodiċi tat-taxxa.
2. Tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri maqbula inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021. Tiffinalizza malajr in-negozjati mal-Kummissjoni rigward id-dokumenti ta' programmar tal-politika ta' koeżjoni 2021–2027 bil-ħsieb li tibda l-implimentazzjoni tagħhom.
3. Tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u tiddiversifika l-importazzjoni tal-enerġija. Tegħleb l-ostakli għaż-żieda tal-kapaċità tat-trażmissjoni interna tal-gass, tiżviluppa interkonnessjonijiet tal-elettriku, taċċellera l-iskjerament ta' kapaċitajiet addizzjonali ta' enerġija rinnovabbli u tadotta miżuri biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u tiġi promossa l-mobbiltà sostenibbli.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President